MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 961/2005

**Mobisle Communications Limited C24655**

**Vs**

**Mathew Scicluna**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u sbatax-il lira Maltin u tmien centezmi (Lm117.08c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 04010 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Awissu 2004 u Novembru 2004.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz u ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-Nota ta' Ammissjoni pprezentata fl-14 t'Ottubru, 2005 li biha l-konvenut ammetta t-talba attrici.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenut, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u sbatax-il lira Maltin u tmien centezmi (Lm117.08c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------